MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 529/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Borg**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Josef Borg, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 578391(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli fit-12 ta’ Frar 2012 għall-ħabta tas-6.30 p.m. fi Triq Isouard, Marsa, u f’toroq oħra f’dawn il-Gżejjer:

(1) saq vettura Nru. ZWN-777 meta kellu l-liċenzja tas-sewqan sospiża u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 25 ta’ Ottubru 2011 (Maġt. Dr. F. Depasquale LL.D.);

(2) saq vettura Nru. ZWN-777 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta;

(3) b'hekk saq l-istess vettura ZWN-777 meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(4) saq vettura Nru. ZWN-777 b'manjiera traskurata;

(5) saq vettura Nru. ZWN-777 b'majiera perikoluża;

(6) saq vettura Nru. ZWN-777 b'veloċita` eċċessiva;

(7) naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija, cioe` minn P.S. 430 A. St. John, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu;

(8) ikkommetta reat li hu punibbli bil-priġunerija waqt il-perijodu attiv tas-sentenza sospiża mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 28 ta' Ottubru 2009 (Maġt. Dr. S. Demicoli LL.D.);

(9) sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 25 ta' Ottubru 2011 (Maġt. Dr. F. Depasquale LL.D.) u fit-28 ta' Ottubru 2009 (Maġt. Dr. S. Demicoli LL.D.) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Josef Borg jiġi skwalifikat milli jieħu jew ikollu ebda liċenzja tas-sewqan għal perijodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2012 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3), 59 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, MVR reg. 127 L.S. 65.11, artikoli 28A, 49, 50 u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Josef Borg ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' sena priġunerija u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien sena mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Josef Borg ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2012 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi,u subordinatament u mingħajr preġudizzju, f'każli din il-Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu għall-piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-affidavit ta’ P.S. 1176 huwa kollu *detto del detto* u għaldaqstant fin-nuqqas ta’ xiehda oħra għandu jiġi liberat mill-imputazzjonijiet kollha; (2) mingħajr preġudizzju, li dak li qal P.S. 1176 dwar dak li qal l-appellant għandu jiġi skartat *inter alia* stante li ma ngħatawlux id-drittijiet li kull persuna għandha dritt għalihom meta taħt arrest; (3) li, f’kull każ, is-sitt u s-seba’ imputazzjonijiet huma preskritti; (4) li, mingħajr preġudizzju, ma saritx ill-prova ta’ l-ewwel imputazzjoni; (5) li ma saritx il-prova tat-tmien u d-disa’ imputazzjonijiet; (6) li, mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra, kellha tingħata piena aktar miti.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant josserva illi mill-proċess ma jirriżultax li ġie ppreżentat xi affidavit ta’ P.S. 430 u lanqas ma jirriżulta li l-istess P.S. 430 xehed quddiem l-ewwel Qorti. Ix-xiehda tal-prosekuzzjoni kienu jikkonsistu biss fl-affidavit ta’ P.S. 1176 Kurt Zahra u x-xiehda ta’ Stephen Cachia, rappreżentant tad-DLO. P.S. 1176 ma kienx involut fl-inċident mertu tal-każ in kwistjoni, iżda aċċeda biss ġol-Hamrun wara li l-allegat insegwiment kien diġa` seħħ. Apparti minn hekk, jgħid l-appellant, P.S. 1176 mar fuq il-post meta l-appellant ma kienx hemm. L-affidavit ta’ P.S. 1176 jikkonsisti f’dak li qallu P.S. 430 u dan jikkostitwixxi *detto del detto*. L-appellant għalhekk jissottometti:

> “Huwa prinċipju stabbilit fil-kamp penali illi tali *hearsay evidence* hija innammissibbli in kwantu prova dwar il-ħtija tal-esponenti. Fid-dawl tal-premess, l-esponenti, apparti l-ġurisprudenza kopjuża dwar il-*hearsay evidence*, jagħmel referenza għas-segwenti sentenzi tal-Qorti tal-Appell li kienu wkoll kawżi ta’ natura sommarja, u cioe`: **Il-Pulizija v. Miriam Sant** deċiża mill-Qorti tal-Appell, per Imħallef Dr. V. Degaetano nhar-it 22/10/2001; **Il-Pulizija v. Michael Ciappara** deċiża mill-Qorti tal-Appell per Imħallef Dr. J. Galea Debono nhar-il 04/07/2002; u **Il-Pulizija v. Hassan Khaled** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar-il 05/06/2003 per Imħallef Dr. J. Galea Debono.”

**7.** Din il-Qorti eżaminat l-affidavit ta’ P.S. 1176 Kurt Zahra li fil-maġġor parti tagħha tikkonsisti f’rakkont ta’ x’qallu P.S. 430 A. St. John. Dan ix-xhud ma ġiex prodott biex jixhed, u lanqas ma ġie ppreżentat affidavit tiegħu. B’hekk, dak li P.S. 1167 jgħid li qallu P.S. 430 huwa “xiehda fuq kliem ħaddieħor” (“hearsay evidence”) fis-sens ta’ l-artikolu 598 tal-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, reż applikabbli għall-proċeduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali, u għalhekk din il-Qorti m’għandhiex tieħu qies tagħha. Jiġifieri l-ewwel aggravju huwa akkolt.

**8.** It-tieni aggravju jirrigwarda dak li hemm fit-tieni paragrafu tat-tieni paġna ta' l-affidavit ta' P.S. 1176 li jikkontjeni dak li allegatament qal l-appellant wara li ġie arrestat. Dwar dan l-appellant josserva illi ma jirriżultax jekk ġiex mogħti s-solita twissija u nfurmat bid-drittijiet tiegħu una volta taħt arrest. Lanqas ma hemm indikazzjoni minn min ġie arrestat. Inoltre, ikompli jsostni l-appellant, ma jirriżultax jekk l-allegata ammissjoni saritx direttament lil P.S. 1176. Għalhekk, u anki peress illi ma ngħatax id-dritt li jitkellem ma' l-avukat ta' fiduċja tiegħu, kwalunkwe dikjarazzjoni li saret meta kien taħt arrest għandha tiġi skartata. Fl-aħħarnett l-appellant jgħid illi anke jekk għall-grazzja ta' l-argument biss, wieħed kellu jaċċetta id-dikjarazzjoni tiegħu, din xorta ma tikkostitwixxix ħtija ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti għax nieqsa minn karatteristiċi importanti bħalma huma d-data u l-inċident li l-appellant kien qiegħed jirreferi għalihom.

**9.** Wara li fl-affidavit tiegħu P.S. 1176 jgħid x'qallu P.S. 430, huwa jgħid hekk: *"Aktar tard ġie stabbilit illi s-sewwieq tal-vettura msemmija huwa ċertu Josef Borg, I.D. 578391(M) magħruf bħala l-zwan. Fejn bi stħarriġ li għamilt, interċettajt lil Borg u ġie arrestat. Minn naħa tiegħu Borg qal illi beda jipprova jaħrab minn P.S. 430 għax beda jibża' peress li ma kellux liċenzja tas-sewqan."*

**10.** Issa, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-20 ta' Ġunju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omar Psaila**, fejn kellu jiġi deċiż jekk kellux jiġi injorat dak li l-appellat f'dak il-każ kien qal lill-uffiċjali tal-Pulizija qabel ma saret stqarrija bil-miktub, intqal hekk:

> "M'hemmx dubju li l-appellat <u>ingħata twissija mill-Pulizija qabel ma beda jitkellem</u>. Dan il-punt joħroġ mix-xhieda mogħtija mit-tliet uffiċjali.
>
> "L-artikolu 658 tal-Kap 9 huwa importanti ferm għax jista' jintuża f'każ li persuna ma tkun wieġbet għall-ebda mistoqsija fl-istqarrija bil-miktub iżda tkun tkellmet dwar l-għemil li wettqet. Dak li jgħid imputat lil xi persuna oħra jista' jittieħed bħala prova u ma jitqiesx bħala *hearsay*.
>
> "Jekk wieħed iqis il-kriterji li ssemmew kemm fis-sentenza 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' kif ukoll fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija', wieħed jikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkonsidrat dak li l-appellat qal lill-Pulizija. L-appellat kellu 27 sena meta huwa tkellem mal-Pulizija u għalhekk ma kienx minorenni. Barra minn dan, din ma kenitx l-ewwel darba li sab ruħu fil-kwartieri tal-Pulizija kif jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. <u>Barra dan hu kien ingħata t-twissija qabel ma tkellem.</u> Ma jirriżulta minn imkien li l-appellat kien b'xi mod kostrett jitkellem. Tant li meta saret l-istqarrija bil-miktub huwa ma ta ebda tagħrif li kellu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet ta' dan il-każ saħansitra meta saret domanda diretta dwar dak li kien qal lill-Pulizija qabel ma bdiet l-istqarrija." (sottolinear ta' din il-Qorti)

**10.** Fil-każ odjern, il-Pulizija arrestat lill-appellant bħala l-**"persuna suspettata"**. Huwa minnu li ma tteħditlux stqarrija bil-miktub, iżda bħala persuna suspettata arrestata, meta interrogat mill-Pulizija, kellu jingħata twissija

(ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri**, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Jannar 2014). Minn dak li jgħid P.S. 1176 ma jirriżultax illi ngħatat tali twissija. Konsegwentement dak li allegatament qal l-appellant lill-Pulizija, mingħajr ma ngħata tali twissija, ma jistax jittieħed bħala prova.

**11.** Għalhekk, u fl-assenza ta' provi oħra, l-appell jimmerita akkoljiment.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah minn kull ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------